V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9485 — NAEV/Siemens/KoMiPo/Stavro Vind)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 264/03)

1. Fit-30 ta' Lulju 2019 il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— NAEV SOLVENTUS ("NAEV"), ikkontrollata minn NAEV Infrastructure Funds (tal-Ġermanja),

— Siemens AG ("Siemens"), ikkontrollata minn Siemens Group (tal-Ġermanja),

— Korea Midland Power Co. ("KoMiPo"), ikkontrollata mill-Korea Electric Power Corporation ("KEPCO") (tal-Korea),

— Stavro Vind Aktiebolag ("Stavro Vind", tal-Iżvezja), bħalissa ikkontrollata biss minn NAEV.

NAEV, Siemens u KoMiPo jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Stavro Vind kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— NAEV tipprovdi servizzi fir-rigward ta' provvedimenti għall-professjoni medika fil-Ġermanja.

— Siemens hija attiva fl-oqsma kummerċjali tal-elettrifikazzjoni, l-awtomazzjoni u d-diġitilizzazzjoni. Permezz tal-unità ta' Siemens Gamesa Renewable Energy, Siemens toffri wkoll soluzzjonijiet fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli, b'mod partikulari fit-turbini tar-riħ.

— KEPCO hija l-akbar fornitur tal-elettriċità fil-Korea t'Isfel u hija responsabbli għall-ġenerazzjoni, it-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-elettriċità u l-iżvilupp ta' proġetti tal-ġenerazzjoni tal-enerġija, inklużi dawk fis-setturi tan-nukleari, tar-riħ u tal-faħam.

— Stavro Vind kienet twaqqfet għall-ippjanar, il-kostruzzjoni, l-iffinanzjar u t-tħaddim taż-żewġ siti ta' eoliċi fuq l-art fi Blackfjället i fi Blodrotberget fl-Isvezja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż

4. Il-Kummissjoni tistieden terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti possibbli tagħhom dwar l-operazzjoni proposta.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9485 — NAEV/Siemens/KoMiPo/Stavro Vind

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË